MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Numru 509/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**VS**
**CARMELO SIVE SALVATORE CIRANNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo sive Salvatore Ciranna, ta’ 31 sena, iben Saverio Ciranna u vasile Corrado, imwieled fl-14 ta’ Mejju 1975 f’Siracusa, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Taljana bin-numru AH 9785059 u residenti fil-fond ‘Borg Flats’, Flat 3, Psaila Str., Birkirkara.

1) Illi huwa akkuzat talli f’Jannar, 2006, bejn id-disgha ta’ filghodu u t-tlieta ta’ wara nofsinhar ikkommetta serq mill-fond sitwat fi Triq F.W. Ryan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Gemma Cassar Van Vuuren; **(Art. 261, 263 (a), 265, 269 (g) u 267 ta’ Kap. 9)**;

2) Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin; **(Art 325 (1) (b) ta' Kap.9)**;

3) Talli f'San Gwann, nhar it-22 ta' Dicembru, 2005, bejn id-disgha u nofs, u l-hdax ta' filghodu ikkommettejt serq mill-fond numru Sundown Court, Blok H, Flat 101 sitwat fi Triq ir-Russett, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Beverly Afghan Nailah; **(Art.261, 263 (a), 265, 269 (g), u 267 ta' Kap.9)**;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin; **(Art. 325 (1) (d) ta' Kap.9)**;

5) Talli f'Attard, nhar l-10 ta' Jannar, 2006, bejn it-tmienja u nofs ta' filghodu u s-siegha u nofs ta' wara nofs inhar ikkommetta serq mill-fond numru Deo Gratias sitwat fi Triq il-Linja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Antonio Buhagiar; **(Art 261, 263 (a), 265, 269 (g) u 267 ta' Kap.9)**;

6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin; **(Art. 325 (1) (b) ta' Kap.9)**;

7) Talli fil-Mosta, nhar il-31 ta' Jannar, 2006, bejn it-tmienja u l-hdax ta' filghodu kkommetta serq mill-fond 'Is-Sikka', numru 56 sitwat fi Triq Dun Karm Sciberras, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Denise Zammit; **(Art 261, 263(a), 265, 269(g), u 267 ta' Kap.9)**;

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin; **(Art 325(1)(b) ta' Kap.9)**;

9) Talli f'Marsaxlokk, nhar is-6 ta' Frar, 2006, bejn it-tmienja u nofs ta' filghodu u s-siegha u nofs ta' wara nofs inhar ikkommetta serq mill-fond 'Sunrise' sitwat fi Triq iz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Noel Vella; **(Art 261, 263,(a) 265, 269(g) u 267 ta' Kap.9)**;

10) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira izda hija izjed minn ghaxar liri Maltin; **(Art 325(1)(c) ta' Kap.9)**;

11) Talli f'San Giljan, nhar is-17 ta' Frar 2006, bejn it-tmienja u l-ghaxra ta' filghodu kkommetta serq mill-fond 'Printemps', sitwat fi Triq Patrick Brydone, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Maria Violetta Camilleri; **(Art 261, 263(a), 265, 269(g) u 267 ta' Kap.9)**;

12) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin; **(Art 325(1)(d) ta' Kap.9)**;

13) Talli fil-Mellieha, nhar l-14 ta' Frar 2006, bejn it-tmienja ta' filghodu u nofs inhar ikkommetta serq mill-fond 'Hoya', numru 13, sitwat fi Triq l-Assedju l-Kbir 1565, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Jimmy Sammut; **(Art. 261, 263(a), 265, 269(g) u 267 ta' Kap.9)**;

14) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira izda hija izjed minn ghaxar liri Maltin; **(Art 325(1)(c) ta' Kap.9)**;

15) U aktar talli sar recidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D nhar 23 ta' Jannar 2001, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tad-9 ta' Lulju, 2008 li fih l-Ufficjal Prosekutur irtira l-akkuza ta' recediva u cioe l-hmistax-il akkuza;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 9 ta' Lulju, 2008 (a fol.92);

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, ghajr ghal hmistax (15)-il akkuza rtirata mill-Prosekuzzjoni illi minnha din il-Qorti qed tilliberah u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 263, 265, 267, 269, 278, 279(b), 280(1), 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' prigunerija ta' sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Irid jinghad illi l-imputat

segwa b'success, programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga u wasal fi stadju ta' *re-entry* u l-Qorti segwiet mill-vicin ir-rapporti tajbin mressqa minn Victoria Scicluna u Ray Grech, ufficjali addetti mas-Sedqa u anke tat konsiderazzjoni ghar-rakkomandazzjoni ta' Victoria Scicluna li l-imputat jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija. Madanakollu din il-Qorti ma tistax twarrab minn quddiem ghajnejha, l-fatt ewlieni illi l-fedina penali ta' l-imputat hija wahda refrettarja ghall-ahhar. Lanqas ma tista' twarrab minn quddiem ghajnejja l-fatt li l-imputat gie mixli b'sensiela ta' serq f'diversi dati vicini ta' xulxin, in fatti xejn anqas minn erbatax-il akkuza, u ghaldaqstant ma tistax in koxxenza tikkonsidra piena alternattiva ghajr dik ta' prigunerija. Il-Qorti pero', konoxxienti tal-progress li l-imputat rnexxielu jwettaq, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat ikompli jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi fi hdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Facilita' Korettiva ta' Kordin. Ghal dan il-ghan, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------